



Kunsill
tal-Unjoni Ewropea

Brussell, 14 ta' Lulju 2023
(OR. en)

Fajl Interistituzzjonali:
2023/0285(NLE)

11850/23
ADD 1

RECH 357
EDUC 315
COMPET 763
IND 393
MI 617
EMPL 381

PROPOSTA

minn:	Is-Segretarju Ġenerali tal-Kummissjoni Ewropea, iffirmata mis-Sa Martine DEPREZ, Direttur
data meta waslet:	13 ta' Lulju 2023
lil:	Is-Sa Thérèse BLANCHET, Segretarju Ġenerali tal-Kunsill tal-Unjoni Ewropea
Nru dok. Cion:	COM(2023) 436 final - Annexes 1 to 2
Suġġett:	ANNESSI tal-Proposta għal RAKKOMANDAZZJONI TAL-KUNSILL dwar qafas Ewropew biex jiġu attirati u miżmuma t-talenti fir-riċerka, fl-innovazzjoni u intraprenditorjali fl-Ewropa

Id-delegazzjonijiet isibu meħmuż id-dokument COM(2023) 436 final - Annexes 1 to 2.

Mehmuż: COM(2023) 436 final - Annexes 1 to 2



IL-KUMMISSJONI
EWROPEA

Brussell, 13.7.2023
COM(2023) 436 final

ANNEXES 1 to 2

ANNESI

tal-

Proposta għal

RAKKOMANDAZZJONI TAL-KUNSILL

**dwar qafas Ewropew biex jiġu attirati u miżmuma t-talenti fir-riċerka, fl-innovazzjoni u
intraprenditorjali fl-Ewropa**

ANNESS I

Eżempji ta' okkupazzjonijiet tar-riċerkaturi fis-setturi kollha fost il-profil R1-R4¹

R1 - Riċerkatur tal-ewwel stadju	R2 - Riċerkatur rikonoxxut
kandidat għad-dottorat akkademiku minuri konsulent minuri konsulent/uffiċjal tal-politika minuri analist minuri tar-riċerka inġinier minuri tar-riċerka riċerkatur/xjenzat minuri uffiċjal xjentifiku minuri apprendist/intern fir-riċerka assistent/tekniku tar-riċerka	akkademiku minuri konsulent minuri konsulent/uffiċjal tal-politika minuri lettur minuri analist minuri tar-riċerka inġinier minuri tar-riċerka riċerkatur/xjenzat minuri uffiċjal xjentifiku minuri riċerkatur tal-postdottorat assistent/tekniku tar-riċerka
R3 - Riċerkatur stabbilit	R4 - Riċerkatur ewlieni
riċerkatur akkreditat assistent professur professur assoċjat riċerkatur assoċjat konsulent prinċipali investigatur prinċipali riċerkatur/xjenzat prinċipali lettur prinċipali sieħeb tar-riċerka speċjalist tar-riċerka kunsillier xjentifiku akkademiku superjuri konsulent superjuri lettur superjuri konsulent/uffiċjal tal-politika superjuri assoċjat superjuri tar-riċerka u tal-iżvilupp inġinier superjuri tar-riċerka riċerkatur/xjenzat superjuri uffiċjal xjentifiku superjuri	uffiċjal xjentifiku ewlieni professur distint professur sħiħ konsulent prinċipali investigatur prinċipali riċerkatur/xjenzat prinċipali lettur prinċipali sieħeb tar-riċerka professur tar-riċerka speċjalist tar-riċerka kunsillier xjentifiku akkademiku superjuri konsulent superjuri lettur superjuri konsulent/uffiċjal tal-politika superjuri inġinier superjuri assoċjat tar-riċerka u tal-iżvilupp riċerkatur/xjenzat superjuri uffiċjal xjentifiku superjuri

¹ L-eżempji mhumiex maħsuba biex ikunu eżawrjenti iżda indikazzjoni tat-tipi tat-titli għar-riċerkaturi fost il-profil R1-R4 u fis-setturi kollha. Xi okkupazzjonijiet tar-riċerkaturi jistgħu jidhru f'diversi R1-R4 meta d-deċiżjoni tal-profil tiġi ddeterminata skont il-każ u tkun tiddependi fuq il-livell ta' indipendenza, esperjenza u rikonoxximent. Uħud mill-eżempji (bħal konsulent u konsulent/uffiċjal tal-politika) huma inklużi bis-suppożizzjoni li l-okkupazzjoni tinvolvi attivitajiet proprji tar-riċerka. Il-profil R1-R4 huma strettament ta' rilevanza għar-riċerkaturi u mhumiex rilevanti għall-ġestjoni tar-riċerka. Jaf jitqiesu tipi simili ta' profili għall-ġestjoni tar-riċerka ladarba l-kategorija tiġi inkwadrata kif xieraq.

ANNESS II

Il-Karta Ewropea għar-Riċerkaturi

Il-Karta Ewropea għar-Riċerkaturi hi sett ta' prinċipji li jirfdu l-iżvilupp tal-karrieri attraenti fir-riċerka biex tiġi appoġġata l-eċċellenza fir-riċerka u l-innovazzjoni madwar l-Ewropa. Il-Karta għar-Riċerkaturi tiffoka fuq id-drittijiet u r-responsabbiltajiet tar-riċerkaturi, tal-impjegaturi, tal-finanzjaturi u ta' dawk li jfasslu l-politika, abbażi ta' 20 prinċipju ewlieni. Dawn jinġabru fl-erba' pilastru li ġejjin:

- (a) Etika, Integrità, Ġeneru u Xjenza Miftuħa
- (b) Valutazzjoni, Reklutaġġ u Progressjoni tar-Riċerkaturi
- (c) Kundizzjonijiet u Prattiki tax-Xogħol
- (d) Karrieri fir-Riċerka u Żvilupp tat-Talent

Il-Karta għar-Riċerkaturi hi mmirata għar-riċerkaturi kollha, is-setturi li jwettqu r-riċerka u l-organizzazzjonijiet umbrella rispettivi (il-partijiet ikkonċernati),

- (a) Ir-riċerkaturi fis-setturi kollha (akkademiċi, organizzazzjonijiet pubbliċi u privati li jwettqu r-riċerka).
- (b) L-impjegaturi fir-riċerka fis-settur pubbliku u privat
- (c) Il-finanzjaturi tar-riċerka u r-riċerkaturi fis-settur pubbliku u privat
- (d) Dawk li jfasslu l-politika kkonċernati minn politiki rilevanti għall-Karta

Din tindirizza lir-riċerkaturi fid-dixxiplini kollha, inkluż ix-Xjenza, it-Teknoloġija, l-Inġinerija, il-Matematika (STEM), ix-Xjenzi Soċjali u Umanistiċi (SSH), inkluż l-Arti. Tkopri t-tipi kollha tar-riċerka mill-fruntiera, immirata, strateġika, applikata u qrib is-suq.

PILASTRU 1 – ETIKA, INTEGRITÀ, ĠENERU U XJENZA MIFTUĦA

1. ETIKA U INTEGRITÀ TAR-RIĊERKA
2. LIBERTÀ TAR-RIĊERKA XJENTIFIKA
3. XJENZA MIFTUĦA
4. UGWALJANZA BEJN IL-ĠENERI
5. TĦADDIN TAD-DIVERSITÀ
6. IL-PROFESSJONI TAR-RIĊERKA
7. ĊIRKOLAZZJONI LIBERA TAR-RIĊERKATURI
8. SOSTENIBBILTÀ TAR-RIĊERKA

Dan il-pilastru jiġbor il-prinċipji fundamentali tal-Karta għar-Riċerkaturi u l-impenn tagħha li tappoġġa l-eċċellenza fir-riċerka, mifhuma f'dan il-kuntest bħala t-trawwim tal-aqwa timijiet u proġetti tar-riċerka possibbli, mingħajr preġudizzju tal-ġeneru u preġudizzji oħra. Il-prinċipji ta' dan il-pilastru mistennija jikkontribwixxu għas-sisien tal-viżjoni ta' Żona Ewropea tar-Riċerka rivitalizzata, u jnebbħu lir-riċerkaturi Ewropej, lill-impjegaturi fir-riċerka, lill-finanzjaturi u lil dawk li jfasslu l-politika. Minħabba n-natura trażversali ta' dawn il-valuri kollha, dawn mistennija jiġu integrati u kkunsidrati fit-tħaddim tal-bqija tal-prinċipji.

(1) *Etika u Integrità tar-Riċerka*²

Ir-riċerkaturi għandhom jikkonformaw ma' regoli etiċi stretti u jittrattaw il-ħidma tagħhom bl-onestà; bl-affidabbiltà; bl-oġġettività; bl-imparzjalità u l-indipendenza; b'komunikazzjoni miftuħa; bid-dover tal-attenzjoni; bil-ġustizzja u r-responsabbiltà lejn il-ġenerazzjonijiet futuri tax-xjenza. Dawn huma s-sisien ta' riċerka responsabbli u affidabbli ħielsa mill-influenza bla bżonn (inkluż l-indhila barrani³ u l-kunflitt ta' interess), prerekwiżit biex tinkiseb l-eċċellenza, u li fuqhom tissejjes ir-responsabbiltà tar-riċerkaturi li jitħarsu mill-preġudizzji u t-taqsiriet metodoloġiċi.

Ir-riċerkaturi għandhom jimxu ma' Prattiki etiċi rikonoxxuti u ma' prinċipji etiċi fundamentali⁴ li jixirqu għad-dixxiplina/i tagħhom, u ma' standards etiċi dokumentati fil-kodiċijiet tal-etika nazzjonali, settorjali jew istituzzjonali differenti.

Ir-responsabbiltà primarja għall-integrità tar-riċerka hi mar-riċerkaturi stess. Ir-riċerkaturi għandhom jitwieżnu b'kultura istituzzjonali tal-integrità tar-riċerka biex joħolqu u jirrispettaw ir-regoli, il-proċeduri u l-linji gwida, u b'taħriġ u mentoraġġ abbażi tal-iskambju tal-aqwa Prattiki.

² Il-Konklużjonijiet tal-Kunsill dwar l-Integrità tar-Riċerka 14853/15 (2015), <https://data.consilium.europa.eu/doc/document/ST-14853-2015-INIT/mt/pdf>.

³ *Tackling R&I Foreign Interference*, il-Kummissjoni Ewropea (SWD), 2022, doi:10.2777/513746.

⁴ Pereżempju l-Kodiċi Ewropew għall-Integrità tar-Riċerka ALLEA (2017), <https://allea.org/code-of-conduct/>.

Biex jitrawmu prattiki tajbin fir-riċerka u kultura tal-integrità tar-riċerka, il-partijiet ikkonċernati involuti kollha jeħtieġ iqisu bosta dimensjonijiet, fosthom l-integrità tar-riċerka fl-ambjenti tar-riċerka; it-taħriġ u l-bini tal-kapaċitajiet dwar l-integrità tar-riċerka; il-proċessi u l-politiki tar-riċerka li jinkorporaw l-integrità tar-riċerka; il-politiki dwar id-*data*, il-pubblikazzjoni, id-disseminazzjoni, ir-rieżami, l-evalwazzjoni u l-editjar. Bl-istess mod, jeħtieġ jiġu stabbiliti mekkaniżmi biex tinqabad, tiġi rrappurtata u indirizzata l-imġiba ħażina fir-riċerka.

Ir-riċerkaturi jridu jevitaw il-plaġjariżmu ta' kull tip u jirrispettaw ir-regoli dwar il-proprjetà intellettuali u l-prinċipji tas-sjeda konġunta fil-każ tar-riċerka mwettqa b'kollaborazzjoni ma' superviżur(i) u/jew riċerkaturi oħra (kif jixraq għad-dixxiplina). Dan għandu japplika fl-istadji kollha tal-proċess tar-riċerka inkluż waqt it-tfassil tal-kunċett, it-tħejjija tal-applikazzjonijiet għall-finanzjament, l-iżvilupp u t-twassil tar-riżultati. Il-ħtieġa li jiġu vvalidati l-osservazzjonijiet billi jintwera li s-sejbiet huma riproduċibbli ma għandhiex tiġi interpretata bħala plaġjariżmu, diment li ssir referenza espliċita għad-*data* li trid tiġi kkonfermata.

(2) *Libertà tar-Riċerka Xjentifika*

Il-libertà tar-riċerka xjentifika hi valur u prinċipju ewlieni komuni għal kooperazzjoni fir-riċerka fiż-Żona Ewropea tar-Riċerka u mas-sħab internazzjonali⁵. Ir-riċerkaturi għandhom jiffukaw ir-riċerka tagħhom għall-ġid tal-umanità u għat-twessigħ tal-fruntieri tal-għarfien tal-bniedem, filwaqt li jgawdu l-libertà tal-ħsieb, tal-opinjoni u tal-espressjoni, il-libertà li jiddefinixxu mistoqsijiet tar-riċerka, il-libertà li jagħżlu metodi biex isolvu xi problema, il-libertà li jagħżlu u jiżviluppaw teoriji, il-libertà li jqajmu dubji fuq għerf aċċettat u li jippreżentaw ideat ġodda, u l-libertà li jassoċjaw ruħhom f'korpi akkademiċi professjonali jew rappreżentattivi. Ir-riċerkaturi għandu jkollhom id-dritt li jxerrdu u jippubblikaw ir-riżultati tar-riċerka tagħhom, inkluż bit-taħriġ u bit-tagħlim. Iżda r-riċerkaturi għandhom jagħrfu l-limitazzjonijiet għal din il-libertà li jistgħu jinħolqu minħabba ċirkostanzi partikolari fir-riċerka (inkluż superviżjoni/gwida/ġestjoni) jew restrizzjonijiet legali jew operazzjonali, eż. minħabba raġunijiet ta' drittijiet tal-proprjetà intellettuali, raġunijiet baġitarji jew infrastrutturali.

(3) *Xjenza Miftuħa*

Ir-riċerkaturi għandu jimmiraw li jwettqu impenn fl-aspetti kollha tax-Xjenza Miftuħa⁶ u jingħataw palata mill-impjegaturi u mill-finanzjaturi tagħhom f'dan ir-rigward. Għandhom jaqsmu r-riżultati tagħhom fil-miftuħ, eż. b'*data* miftuħa u FAIR, publikazzjonijiet b'aċċess miftuħ, u software, mudelli u algoritmi miftuħin. Għandhom jieħdu l-miżuri biex jiżguraw ir-riproduċibbiltà tar-riżultati tar-riċerka. Għandu jimmiraw li jipprattikaw metodoloġiji tax-Xjenza Miftuħa u jwettqu rieżami miftuħ bejn il-pari. L-impjegaturi u/jew il-finanzjaturi għandhom jappoġġaw u jivvalorizzaw kultura tax-Xjenza Miftuħa sinċiera madwar l-Unjoni, inkluż bis-simplifikazzjoni tal-aċċess miftuħ għall-publikazzjonijiet akkademiċi, *data* tar-riċerka u eżiti oħra tar-riċerka (jiġifieri bil-prinċipju "miftuħ kemm jista' jkun, magħluq jekk verament meħtieġ") u t-twessigħ u t-tħaddim tal-prinċipji u l-prattiki tax-Xjenza Miftuħa, filwaqt li jitqiesu d-differenzi bejn id-dixxiplini u d-differenzi kulturali, inkluż il-multilingwiżmu, jitwieżen l-iżvilupp tal-ħiliet tax-Xjenza Miftuħa, u jissoktaw l-iżvilupp u l-integrazzjoni tal-infrastruttura u s-servizzi diġitali li jirfdu dan kollu.

⁵ Ara l-Artikolu 13 tal-Karta tad-Drittijiet Fundamentali tal-Unjoni Ewropea u d-Dikjarazzjoni ta' Bonn dwar il-Libertà tar-Riċerka Xjentifika, adottata fil-Konferenza Ministerjali dwar iż-Żona Ewropea tar-Riċerka li saret fl-20 ta' Ottubru 2020 f'Bonn, https://www.bmbf.de/bmbf/shareddocs/downloads/files/_drp-efi-bonner_erklaerung_en_with-signatures_maez_2021.pdf?_blob=publicationFile&v=1.

⁶ Il-Konklużjonijiet tal-Kunsill, It-tranżizzjoni lejn sistema ta' Xjenza Miftuħa, 9526/16 27 ta' Mejju 2016.

Xjenza taċ-Ċittadini

Ir-riċerkaturi għandhom jinkorporaw kemm jista' jkun u meta rilevanti x-xjenza taċ-ċittadini fil-proġetti tagħhom. Dan ifisser li ċ-ċittadini jiġu involuti fil-kunċett, fit-tfassil u fl-implimentazzjoni ta' proġetti tar-riċerka fix-Xjenza, fit-Teknoloġija, fl-Inġinerija, fl-Arti, fil-Matematika (STEAM) u fix-Xjenzi Soċjali u Umanistiċi (SSH). Dan hu mezz ideali biex ix-xjenza tiġi demokratizzata, tinbena fiduċja fix-xjenza, u jiġi ingranati l-intelliġenza u l-kapaċitajiet vasti tas-soċjetà biex ikollna riċerka u innovazzjoni eċċellenti.

(4) Ugwaljanza bejn il-Ġeneri

Il-partijiet ikkonċernati kollha għandhom iħeġġu l-bilanċ bejn il-ġeneri fit-timijiet tar-riċerka, fil-korpi maniġerjali, tat-teħid tad-deċiżjonijiet, fil-kumitati tar-reklutaġġ u tal-promozzjoni, u fil-gruppi konsultattivi. Dan jinkludi wkoll li titrawwem l-integrazzjoni tad-dimensjoni tal-ġeneru fil-kontenut tar-riċerka, tat-tagħlim u tal-innovazzjoni biex jiżdiedu l-kwalità xjentifika, l-eċċellenza, u r-rilevanza għas-soċjetà tal-għarfien prodott. L-Ugwaljanza bejn il-Ġeneri għandha l-għan ukoll li tiġġieled il-vjolenza abbażi tal-ġeneru u l-fastidju sesswali. L-Ugwaljanza bejn il-Ġeneri għandha tinftiehem minn perspettiva intersezzjonali, fejn sistemi differenti ta' setgħat bejn il-ġeneri u kategoriji u identitajiet soċjali oħra jingħaqdu u jsaħħu lil xulxin. Mekkaniżmi xierqa li jippromwovu l-Ugwaljanza bejn il-Ġeneri huma bidliet istituzzjonali sostenibbli, immexxija bi pjanijiet tal-Ugwaljanza bejn il-Ġeneri⁷ jew simili, li jippermettu rappurtar xieraq f'każ ta' ksur, u jinkludu sistemi tal-monitoraġġ u tal-evalwazzjoni.

(5) Tħaddin tad-Diversità

Prinċipju ewlieni taż-Żona Ewropea tar-Riċerka hu li titqies id-diversità fis-sens wiesa' inkluż, fost l-oħrajn, il-ġeneru, l-oriġini razzjali jew etnika, ir-reliġjon jew it-twelmin, id-diversità soċjali, id-diżabbiltà, l-età, l-orjentazzjoni sesswali u l-għieda kontra d-diskriminazzjoni tkun xi tkun ir-raġuni. L-impjegaturi u/jew il-finanzjaturi għandhom iħaddnu d-diversità fost ir-riċerkaturi tagħhom għax esperjenzi differenti tal-ħajja jżidu l-perspettivi siewja għall-proġetti tar-riċerka. Barra minn hekk, id-diversità tal-parteċipanti tista' tinforma r-riżultati tar-riċerka li japplikaw u jagħnu lis-soċjetajiet diversi li ngħixu fihom. Ir-rikonoxximent ta' preġudizzji inkonxji, pereżempju waqt ir-reklutaġġ, il-promozzjoni u r-rieżami tal-kompiti, u l-kumpens għalihom meta possibbli huma meħtieġa wkoll, b'mod partikolari fil-qasam tax-xjenza.

(6) Il-Professjoni tar-Riċerka

Ir-riċerkaturi kollha involuti fit-tnissil jew fil-ħolqien ta' għerf ġdid għandhom jiġu rikonoxxuti bħala professjonisti u jiġu trattati kif xieraq. Dan għandu jibda fil-bidu tal-karrieri tagħhom, indipendentement mis-settur li joperaw fih, jiġifieri fil-livell postgradwatorju, u għandu jinkludi l-livelli kollha, irrispettivament mill-klassifikazzjoni tagħhom fil-livell nazzjonali (eż. impjegat, student postgradwatorju, kandidat tad-dottorat, student tal-postdottorat, impjegat taċ-ċivil).

L-impjegaturi u l-finanzjaturi għandhom iħeġġu u jappoġġaw perkorsi nonlineari u ta' diversi karrieri, li jkunu maħsuba bħala perkorsi karatterizzati mill-mobbiltà ġeografika, dixxiplinari, settorjali u interorganizzazzjonali (sekondar). Għandhom iħeġġu wkoll perkorsi ibridi li jwaħħdu simultanjament setturi differenti, li jridu jitqiesu fl-istess livell mal-perkorsi tal-karrieri lineari.

⁷ Ara https://commission.europa.eu/strategy-and-policy/policies/justice-and-fundamental-rights/gender-equality/gender-equality-strategy_mt u <https://eige.europa.eu/gender-mainstreaming/toolkits/gear/what-gender-equality-plan-gep>.

Attitudni Professionali

Ir-riċerkaturi għandhom ikunu midħla tal-għanijiet strateġiċi li jirregolaw l-ambjent tar-riċerka u l-mekkaniżmi tal-finanzjament tagħhom u għandhom jitolbu l-approvazzjonijiet kollha meħtieġa qabel jibdew ir-riċerka tagħhom jew jaċċessaw ir-riżorsi pprovduti. Ir-riċerkaturi għandhom jagħmlu kull sforz biex jiżguraw li r-riċerka tagħhom tkun rilevanti għas-soċjetà u ma tidduplikax bla bżonn ir-riċerka li tkun saret qabel band'oħra.

Għandu jkun hemm komunikazzjoni ċara bejn ir-riċerkaturi u l-impjegaturi, il-finanzjaturi, jew is-superviżuri meta xi proġett tar-riċerka jittardja, jiġi ridefinit jew jitlesti; u jingħata avviż meta xi proġett tar-riċerka jitwaqqaf qabel iż-żmien jew jiġi sospiż minħabba xi raġuni.

Responsabbiltà

Li riċerkatur ikun responsabbli jfisser li jerfa' r-responsabbiltajiet għal għemilu meta jwettaq ir-riċerka. Ir-riċerkaturi jeħtieġ jagħrfu li huma għandhom jagħtu kont ta' għemilhom lill-impjegaturi, lill-finanzjaturi jew lil korpi pubbliċi jew privati relatati oħra u, minħabba raġunijiet aktar etiċi, lis-soċjetà. Ir-riċerkaturi ffinanzjati b'fondi pubbliċi huma responsabbli wkoll għall-użu effiċjenti ta' flus il-poplu. Għalhekk għandhom jimxu mal-prinċipji tal-ġestjoni finanzjarja tajba, trasparenti u effiċjenti u jikkooperaw f'kull awditjar awtorizzat tar-riċerka tagħhom, kemm jekk jagħmluh l-impjegaturi/finanzjaturi tagħhom u anki jekk jagħmluh il-kumitati tal-etika. Din l-aspettattiva titlobhom iservu ta' mudell ta' mgħiba etika għall-pari tagħhom u għas-soċjetà usa'.

Il-metodi tal-ġbir u tal-analiżi, ir-riżultati u, meta applikabbli, id-dettalji tad-*data* għandhom ikunu miftuħa għal skrutinju intern u estern, kull meta meħtieġ u kif mitlub mill-awtoritajiet xierqa. Dan hu importanti wkoll biex id-*data* tkun miftuħa u jgħin biex tkun żgurata r-riproduċibbiltà tar-riżultati.

(7) Ċirkolazzjoni libera tar-riċerkaturi

Il-finanzjaturi u l-impjegaturi għandhom jippromwovu ċ-ċirkolazzjoni libera tar-riċerkaturi u ta' professjonisti oħra tar-riċerka, l-għarfien xjentifiku u t-teknoloġija, filwaqt li jattiraw it-talent u jevitaw it-telf potenzjali tat-talent. Għandhom jagħrfu l-valur tal-mobbiltà ġeografika, interistituzzjonali, intersettorjali, interdixxiplinari u transdixxiplinari, u virtwali⁸ bħala mezz importanti biex jissaħħu l-għarfien u l-iżvilupp professjonali f'kull stadju tal-karriera tar-riċerkaturi u biex jagħtu valur u jirrikonossu kull esperjenza tal-mobbiltà fis-sistema tal-progressjoni fil-karriera/valutazzjoni tagħhom. Dan jeħtieġ ukoll li jiġu stabbiliti l-istrumenti amministrattivi meħtieġa li jippermettu l-portabbiltà tal-għotjiet u tad-dispożizzjonijiet dwar is-sigurtà soċjali, f'konformità mal-leġiżlazzjoni nazzjonali.

(8) Sostenibbiltà tar-Riċerka

Ir-riċerkaturi, l-impjegaturi u l-finanzjaturi għandhom jippromwovu l-implimentazzjoni sostenibbli tal-attivitajiet tar-riċerka bi qbil mal-Patt Ekoloġiku Ewropew, mal-Aġenda 2030 tan-Nazzjonijiet Uniti u mal-Għanijiet tal-Iżvilupp Sostenibbli. Ir-riċerkaturi għandu jkollhom l-appoġġ ta' kultura istituzzjonali ta' ġestjoni sostenibbli tar-riċerka, u ta' taħriġ u mentoraġġ ibbażati fuq l-iskambju tal-aqwa prattiki. Iridu jkun mexxejja fit-tnaqqis tal-emissjonijiet tal-karbonju tagħhom b'mod li jagħti eżempju pożittiv lil ħaddieħor fil-komunità tar-riċerka.

Il-“Karta Ħadra tal-MSCA” tal-Kummissjoni Ewropea⁹, żviluppata fil-qafas tal-Azzjonijiet Marie Skłodowska-Curie, tista' tintuża bħala punt ta' referenza.

⁸ Jiġifieri kollaborazzjoni remota b'networks u infrastrutturi elettroniċi.

⁹ Il-Karta Ħadra tal-Azzjonijiet Marie Skłodowska Curie, <https://marie-sklodowska-curie-actions.ec.europa.eu/about-msca/msca-green-charter>.

PILASTRU 2 – VALUTAZZJONI, REKLUTAĠĠ U PROGRESSJONI TAR-RIĊERKATURI

1. VALUTAZZJONI TAR-RIĊERKATURI
2. REKLUTAĠĠ
3. GĦAŻLA
4. PROGRESSJONI FIL-KARRIERA

Il-valutazzjoni tar-riċerka għandha tiżgura rikonossiment u valorizzazzjoni ugwali tal-karrieri tar-riċerkaturi irrispettivament mis-settur tal-impjiegi jew tal-attività u skont approċċ imparzjali bbażat fuq it-talent. Ir-reklutaġġ għust u l-għażla tal-politiki tar-riċerkaturi huma fundamentali biex ikollna suq tax-xogħol miftuħ għar-riċerkaturi, li jgħin għal progress fiż-Żona Ewropea tar-Riċerka.

(1) Valutazzjoni tar-Riċerkaturi¹⁰

Il-valutazzjoni tar-riċerka għandha tippermetti evalwazzjoni tal-prestazzjoni tar-riċerkaturi u tar-riċerka biex jinkisbu l-akbar kwalità u impatt. Din teħtieġ ir-rikonossiment ta' riżultati, attivitajiet u prattiki tar-riċerka dejjem aktar diversi, inkluż il-kollaborazzjoni, il-kondiviżjoni miftuħa tar-riżultati, u li jkun żgurati standards għoljin tal-integrità tar-riċerka. Għalhekk, il-valutazzjoni għandha tistrieħ qabelxejn fuq ġudizzju kwalitattiv, iċċentrat fuq rieżami bejn il-pari u appoġġat mill-użu responsabbli tal-indikaturi kwantitattivi. Il-valutazzjoni għandha tinkludi wkoll firxa usa' ta' kriterji tal-evalwazzjoni, bħat-tagħlim lill-istudenti, il-ġestjoni u t-tmexxija, is-superviżjoni, il-mentoraġġ, il-valorizzazzjoni tal-għarfien, l-intraprenditorija u l-kollaborazzjoni mal-industrija, il-ħidma f'tim, is-servizzi lis-soċjetà, il-komunikazzjoni tax-xjenza u l-interazzjoni mas-soċjetà, u r-rigorożità metodoloġika u l-prattiki tax-Xjenza Miftuħa. Anki l-kontributi għall-innovazzjoni bl-invenzjonijiet jew bl-iżvilupp għandhom jiġu rikonossuti, b'mod partikolari għall-kandidati bi sfond industrijali.

L-impjegaturi u l-finanzjaturi għandhom jappoġġaw sistema tal-valutazzjoni u l-valorizzazzjoni tar-riċerkaturi li tqis il-kwalità ġenerali tal-impatt tar-riċerkaturi fuq is-soċjetà, ix-xjenza u l-innovazzjoni, id-diversità tal-attivitajiet imwettqa, il-prattiki tax-Xjenza Miftuħa, u l-valur tal-mobbiltà ġeografika, interdixxiplinari u intersettorjali. Sistema bħal din għandha:

- (a) tistrieħ fuq ġudizzju kwalitattiv iċċentrat fuq rieżami bejn il-pari u appoġġat mill-użu responsabbli tal-indikaturi kwantitattivi;
- (b) tivvalorizza l-kwalità u d-diversi impatti potenzjali tar-riċerka fuq is-soċjetà, ix-xjenza u l-innovazzjoni;
- (c) tirrikonoxxi diversità ta' eżiti (bħal pubblikazzjonijiet, settijiet tad-data, software, metodoloġiji, protokolli, privattivi), attivitajiet (bħal mentoraġġ, superviżjoni tar-riċerka, rwoli ta' tmexxija, intraprenditorija, ġestjoni tad-data, rieżami bejn il-pari, tagħlim lill-istudenti, valorizzazzjoni tal-għarfien, kooperazzjoni bejn l-industrija u l-akkademja, appoġġ lit-tfassil tal-politika msejjes fuq l-evidenza, interazzjoni mas-soċjetà) u prattiki (bħal għarfien bikri u kondiviżjoni tad-data, kollaborazzjoni miftuħa), kif ukoll l-esperjenzi kollha tal-mobbiltà;

¹⁰ Ftehim dwar ir-Riforma tal-Valutazzjoni tar-Riċerka (2022)
https://coara.eu/app/uploads/2022/09/2022_07_19_rra_agreement_final.pdf

- (d) tiżgura li l-attività professjonali tar-riċerkatur tkun tilħaq standards għoljin ta' etika u integrità, tivvalorizza t-tweqqi xieraq tar-riċerka, u tagħti valur lill-prattiki tajbin, b'mod partikolari l-prattiki miftuħa għall-kondiviżjoni tar-riżultati u l-metodoloġiji tar-riċerka, kull meta possibbli;
- (e) tuża kriterji u proċessi tal-valutazzjoni li jirrispettaw il-varjetà tad-dixxiplini tar-riċerka u l-kuntesti nazzjonali;
- (f) tappoġġa diversità ta' profili tar-riċerkaturi u ta' perkorsi tal-karrieri, u tagħti valur lill-kontributi individwali, iżda anki lir-rwol tat-timijiet, tal-ħidma kollaborattiva u tal-interdixxiplinarjetà;
- (g) tiżgura l-ugwaljanza bejn il-ġeneri, l-oportunitajiet indaqs u l-inklużività.

Biex tkun żgurata l-koerenza fl-implimentazzjoni ta' dawn il-prinċipji, l-impjegaturi u l-finanzjaturi għandhom iħeġġu t-taħriġ kontinwu tal-atturi involuti fil-proċess tal-valutazzjoni u tal-valorizzazzjoni.

(2) Reklutaġġ

L-impjegaturi u/jew il-finanzjaturi għandhom jistabbilixxu proċeduri tar-reklutaġġ u tal-għażla li jkunu miftuħa¹¹, trasparenti u abbażi tal-mertu, mingħar ma jippenalizzaw il-pawsi fil-karriera jew il-mobbiltà intersettorjali. Dawn għandhom ifittxu l-eċċellenza, l-ugwaljanza bejn il-ġeneri, id-diversità, u jitfasslu skont it-tip ta' pożizzjoni reklamata. Ir-reklamar għandu jinkludi deskrizzjoni komprensiva tal-għarfien u l-kompetenzi meħtieġa, inkluż deskrizzjoni tal-kundizzjonijiet tax-xogħol u l-intitolamenti, il-prospetti tal-iżvilupp tal-karriera u ħarsa ġenerali lejn l-iskeda taż-żmien. Il-kandidati għandhom jiġu infurmati, qabel l-għażla, dwar il-proċess tar-reklutaġġ u l-kriterji tal-għażla, l-għadd ta' pożizzjonijiet disponibbli u l-prospetti tal-iżvilupp tal-karriera.

Varjazzjonijiet fl-ordni kronoloġika tas-CVs

Il-pawsi fil-karriera jew il-varjazzjonijiet fl-ordni kronoloġika tas-CVs ma għandhomx jiġu ppenalizzati, iżda għandhom jitqiesu bħala evoluzzjoni tal-karriera u allura bħala kontribut potenzjalment siewi għall-iżvilupp professjonali tar-riċerkaturi favur perkors multidimensjonali tal-karrieri. Għalhekk, il-kandidati għandhom jitħallew jippreżentaw CVs ibbażati fuq l-evidenza, li jirriflettu firxa rappreżentattiva tal-kisbiet u tal-kwalifiki xierqa għall-kariga li għaliha jkunu qed japplikaw.

Senjorità

Il-livelli tal-kwalifiki meħtieġa għandhom ikunu jaqblu mal-ħtiġijiet tal-pożizzjoni u ma jgħolqux xkiel għad-dħul. L-evalwazzjoni tal-kwalifiki għandha tiffoka fuq ġudizzju tal-kisbiet tal-persuna aktar milli fuq iċ-ċirkostanzi taġġhom jew fuq ir-reputazzjoni tal-istituzzjoni li tkun tat dawk il-kwalifiki. Peress li l-kwalifiki professjonali jistgħu jinkisbu fi stadju bikri ta' karriera twila, il-mudell tal-iżvilupp professjonali tul il-ħajja għandu jitħeġġeġ u jiġi rikonoxxut ukoll.

(3) Għażla

Bħala parti mir-reklutaġġ, il-proċess tal-għażla għandu jqis il-firxa sħiħa tal-esperjenza tal-kandidati. Filwaqt li ssir enfasi fuq il-potenzjal ġenerali taġġhom bħala riċerkaturi, għandhom jitqiesu wkoll il-kreattività u l-livell tal-indipendenza taġġhom. Il-kumitati tal-għażla għandhom jiġbru flimkien l-għarfien espert, il-kompetenzi u l-esperjenza differenti rilevanti biex jivvalutaw lill-kandidat. Għandu jinstab bilanċ adegwat bejn il-ġeneri u, meta xieraq u

¹¹ Għandhom jintużaw l-istrumenti kollha disponibbli, riżorsi internazzjonali jew aċċessibbli globalment fuq l-internet bħall-Portal EURAXESS: <https://euraxess.ec.europa.eu>.

fattibbli, jġu inklużi membri minn setturi differenti (pubbliċi u privati) u dixxiplini, u pajjiżi oħra. Kull meta possibbli, għandha tintuża firxa wiesgħa ta' prattiki tal-għażla, bħall-valutazzjoni esterna tal-esperti u l-intervisti wiċċ imb wiċċ u online. Il-membri tal-bordijiet tal-għażla għandhom jitħarrġu kif xieraq speċjalment biex jonqsu kemm jista' jkun il-preġudizzji tal-ġeneru jew kull preġudizzju possibbli ieħor li jsir b'mod inkonxju. Wara l-proċess tal-għażla, il-kandidati kollha għandhom jġu infurmati dwar il-preġji u d-dgħujfijiet tal-applikazzjonijiet tagħhom.

Nondiskriminazzjoni

L-impjegaturi u/jew il-finanzjaturi tar-riċerkaturi ma għandhom jiddiskriminaw kontra r-riċerkaturi bl-ebda mod abbażi tal-ġeneru, l-età, l-oriġini etnika, nazzjonali jew soċjali, ir-reliġjon jew it-twemmin, l-orjentazzjoni sesswali, il-lingwa, id-diżabbiltà, l-opinjoni politika, il-kundizzjoni soċjali jew ekonomika.

(4) Progressjoni fil-karriera

L-impjegaturi u/jew il-finanzjaturi għandhom jintroduċu sistemi tal-evalwazzjoni/valutazzjoni għar-riċerkaturi kollha, inkluż ir-riċerkaturi superjuri, biex il-prestazzjoni professjonali tagħhom tiġi vvalutata b'mod regolari u trasparenti minn kumitat indipendenti (u fil-każ tar-riċerkaturi superjuri, preferibbilment, internazzjonali). Il-perkorsi ta' bosta karrieri, ikkaratterizzati minn mobbiltà ġeografika, settorjali u interorganizzazzjonali (sekondar), jew il-perkorsi ibridi kkaratterizzati mill-kombinament simultanju ta' setturi, jistħoqqilhom rikonoxximent u kunsiderazzjoni sħaħ fl-istess livell tal-perkorsi tal-karriera lineari.

Dawk il-proċeduri tal-evalwazzjoni u tal-valutazzjoni għandhom iqisu kif xieraq il-potenzjal ġenerali tar-riċerkaturi, il-kreattività fir-riċerka tagħhom, ir-riżultati tar-riċerka tagħhom (eż. pubblikazzjonijiet, *data*, software, mudelli, algoritmi, metodi, protokoll, privati, kontributi għall-politika), l-attivitajiet tagħhom (eż. il-ġestjoni u t-tmexxija, it-tagħlim u l-lekkers lill-istudenti, ir-rieżami bejn il-pari, is-superviżjoni, il-mentoraġġ, l-intraprenditorija, il-valorizzazzjoni tal-għarfien, il-kollaborazzjoni nazzjonali jew internazzjonali, id-dmirijiet amministrattivi, is-servizz lis-soċjetà, il-komunikazzjoni tax-xjenza u l-interazzjoni mas-soċjetà), l-imġiba tar-riċerka tagħhom (eż. il-prattika tal-etika u tal-integrità, ir-rigorożità metodoloġika, il-kondiviżjoni tal-għarfien bikri u tad-*data*, il-kollaborazzjoni miftuħa) u l-mobbiltà tagħhom, u għandhom jitqiesu fil-kuntest tal-progressjoni fil-karriera.

Hija meħtieġa sistema trasparenti, strutturata, inklużiva u ugwali bejn il-ġeneri għal adeżjoni u progressjoni fil-karriera biex jitjiebu l-karrieri fl-akkademja, sal-ogħla pożizzjonijiet¹². L-adozzjoni ta' sistemi simili għal "tenure-track", maħsuba bħala kuntratt ta' żmien fiss bil-perspettiva ta' progressjoni lejn pożizzjoni permanenti soġġetta għal evalwazzjoni pożittiva, tista' titqies għal dan il-għan fil-livell tal-Istati Membri u tal-organizzazzjonijiet li jwettqu riċerka.

Ħidma bħala koawturi

Il-ħidma bħala koawturi għandha titqies b'mod pożittiv mill-istituzzjonijiet meta jevalwaw il-persunal, bħala evidenza ta' approċċ kostruttiv għat-twettiq tar-riċerka. Għalhekk, l-impjegaturi u/jew il-finanzjaturi għandhom jiżviluppaw strateġiji, prattiki u proċeduri ħalli jgħolqu l-kundizzjonijiet qafas meħtieġa biex ir-riċerkaturi, inkluż dawk fil-bidu tal-karrieri fir-riċerka tagħhom, ikunu jistgħu jgawdu d-dritt li jġu rikonoxxuti u elenkati u/jew kwotati, fil-kuntest tal-kontributi effettivi tagħhom, bħala koawturi ta' dokumenti, koinventuri ta' privati, eċċ, jew biex jippubblikaw ir-riżultati tar-riċerka tagħhom stess b'mod indipendenti mis-superviżur(i) tagħhom.

¹² Ara l-istudju MORE 4 (2021) https://cdn5.euraxess.org/sites/default/files/policy_library/more4_final_report.pdf.

Rikonoxximent tal-esperjenza ta' mobbiltà

Kull esperjenza ta' mobbiltà, eż. żmien f'pajjiż/reġjun ieħor jew f'ambjent tar-riċerka ieħor (pubbliku jew privat) jew bidla minn dixxiplina jew settur għal ieħor, ħala parti mit-taħriġ inizjali fir-riċerka jew fi stadju aktar tard fil-karriera tar-riċerka, jew bħala esperjenza ta' mobbiltà virtwali, għandha titqies bħala kontribut siewi għall-iżvilupp professjonali ta' riċerkatur.

PILASTRU 3 – KUNDIZZJONIJIET U PRATTIKI TAX-XOGĦOL

1. KUNDIZZJONIJIET TAX-XOGĦOL, FINANZJAMENT U SALARJI
2. STABBILTÀ TAL-IMPJIEGI
3. OBBLIGI KUNTRATTWALI U LEGALI
4. DISSEMINAZZJONI U UŻU TAR-RIŻULTATI

It-titjib fil-kundizzjonijiet tax-xogħol tar-riċerkaturi għandu jkun fil-qalba tal-qafas ta' politika tal-Unjoni għall-karrieri fir-riċerka. F'dan il-qasam qed jiġi proposti bosta azzjonijiet li jgħinu fl-istabbiltà tal-impjieg, fid-definizzjoni tad-drittijiet u l-obbligi tax-xogħol tar-riċerkaturi, u fil-ħtieġa li l-impjegaturi u l-finanzjaturi jiżviluppaw kultura ta' eċċellenza fir-riċerka u jħejju art għammiela għall-komunità tar-riċerkaturi.

(1) Kundizzjonijiet tax-xogħol, finanzjament u salarji

L-impjegaturi u/jew il-finanzjaturi għandhom jiżguraw li l-kundizzjonijiet tax-xogħol għar-riċerkaturi, inkluż dawk b'diżabbiltà, jipprovdu, meta xieraq, il-flessibbiltà u l-aċċessibbiltà meqjusa essenzjali għat-twettiq b'suċċess tar-riċerka skont il-leġislazzjoni nazzjonali eżistenti u ftehimiet nazzjonali jew settorjali tan-negozjar kollettiv. Għandhom jimmiraw li jipprovdu l-kundizzjonijiet tax-xogħol xierqa biex ir-riċerkaturi kollha jkunu jistgħu jżewġu l-ħajja personali mal-ħajja professjonali¹³. Għandha tingħata attenzjoni partikolari, fost l-oħrajn, lill-flessibbiltà fil-ħinijiet tax-xogħol, lix-xogħol part-time, lix-xogħol remot, u lil-liv sabbatiku, kif ukoll lid-dispożizzjonijiet finanzjarji u amministrattivi meħtieġa biex jirregolaw dawk l-arranġamenti. L-impjegaturi għandhom jgħallqu ambjent tax-xogħol li jippromwovi s-saħħa mentali u l-benesseri tar-riċerkaturi, inkluż proċeduri xierqa għall-prevenzjoni u l-indirizzar tal-vjolenza abbażi tal-ġeneru, inkluż il-fastidju sesswali.

Ambjent tar-riċerka

L-impjegaturi u/jew il-finanzjaturi tar-riċerkaturi għandhom jiżguraw li jinholq l-aktar ambjent stimulant tar-riċerka jew tat-taħriġ fir-riċerka, ambjent li jkun joffri t-tagħmir, l-faċilitajiet u l-opportunitajiet xierqa, inkluż għal kollaborazzjoni remota fuq in-networks tar-riċerka, u l-oġġla livell ta' saħħa u sikurezza skont ir-Regolamenti tal-Unjoni, nazzjonali jew settorjali. Il-finanzjaturi għandhom jiżguraw li jkun hemm riżorsi adegwati li jappoġġaw il-programm ta' ħidma miftiehem. B'mod partikolari, hu importanti li jkun hemm persunal ta' appoġġ kwalifikat (eż. professjonisti, inkluż meniġers tar-riċerka u amministraturi).

Ilmenti/appelli

L-impjegaturi u/jew il-finanzjaturi tar-riċerkaturi għandhom jistabbilixxu proċeduri xierqa, skont il-liġijiet, ir-regoli u r-regolamenti nazzjonali, tal-Unjoni jew internazzjonali rilevanti, possibbilment fil-forma ta' ombudsperson imparzjali, biex jittrattaw l-ilmenti/appelli tar-riċerkaturi, fosthom dawk relatati mal-kunflitti bejn is-superviżur(i) u r-riċerkaturi tal-Ewwel Stadju (R1) jew Rikonoxxuti (R2). Dawk il-proċeduri għandhom jipprovdu assistenza kunfidenzjali u informali lill-persunal kollu tar-riċerka biex jissolvew il-kunflitti, it-tilwim u l-ilmenti relatati max-xogħol, bil-għan li jippromwovu trattament ġust u ekwu fl-istituzzjoni u jtejbju l-kwalità ġenerali tal-ambjent tax-xogħol.

¹³ Ara SEC (2005) 260, *Women and Science: Excellence and Innovation – Gender Equality in Science*.

Parteċipazzjoni fil-governanza tal-organizzazzjoni

L-impjegaturi u/jew il-finanzjaturi tar-riċerkaturi għandhom iqisuha leġittima għalkollox, u tabilħaqq mixtieqa, li r-riċerkaturi jkunu rappreżentati fil-korpi rilevanti tal-informazzjoni, tal-konsultazzjoni u tat-teħid tad-deċiżjonijiet tal-istituzzjonijiet fejn jaħdmu, biex iħarsu u jipproteġu u jippromwovu l-interessi individwali u kollettivi tagħhom bħala professjonisti u jikkontribwixxu b'mod attiv għall-ħidmiet tal-istituzzjoni¹⁴.

Finanzjament u salarji

L-impjegaturi u/jew il-finanzjaturi tar-riċerkaturi għandhom jiżguraw li r-riċerkaturi, irrispettivament mill-istatus tagħhom, ikollhom kundizzjonijiet ġusti u attraenti ta' rimunerazzjoni (finanzjament u/jew salarji) b'dispożizzjonijiet ta' sigurtà soċjali adegwati u ekwi (inkluż benefiċċji tal-mard u tal-ġenituri, drittijiet tal-pensjoni u benefiċċji tal-qgħad, benefiċċji tal-invalidità u benefiċċji f'każ ta' aċċident fuq ix-xogħol u mard okkupazzjonali) skont il-leġislazzjoni nazzjonali eżistenti u ftehimiet nazzjonali jew settorjali tan-negozjar kollettiv. Dan irid jinkludi lir-riċerkaturi fl-istadji kollha tal-karriera, inkluż lir-riċerkaturi tal-Ewwel Stadju (R1), b'mod proporzjonat mal-istatus legali, il-prestazzjoni u l-livell tal-kwalifiki u/jew tar-responsabbiltajiet tagħhom. Ir-riċerkaturi għandhom ikunu konxji mid-drittijiet u l-obbligi tagħhom relatati mal-għarfien dwar kif qed jiġu intaxxati s-salarji tagħhom, u għandhom jingħataw tagħrif trasparenti dwar id-drittijiet tal-protezzjoni soċjali bħad-drittijiet tal-pensjoni nazzjonali.

(2) Stabbiltà tal-impjiegi

L-impjegaturi u/jew il-finanzjaturi għandhom jieħdu azzjonijiet konkreti biex jiġġieldu l-prekarjetà u jappoġġaw is-sigurtà u l-istabbiltà tal-impjiegi, inkluż b'tul totali massimu limitat għall-ħatriet b'terminu fiss, u bil-limitu massimu rakkomandat ta' terz għall-kuntratti b'terminu fiss fir-riżorsi umani ġenerali tar-riċerkaturi ta' impjegatur partikolari. Kull meta jkunu qed jitwettqu kompiti tar-riċerka permanenti jew fit-tul jew rikorrenti ħafna, l-istrument xieraq għandu jkun kuntratt permanenti jew indefinit.

Pożizzjonijiet postdottorali (R2)

Il-prekarjetà tal-impjiegi hi kwistjoni partikolari fl-akkademja. Kontra din is-sitwazzjoni u favur is-sigurtà u l-istabbiltà tal-impjiegi, għandhom jiġu stabbiliti regoli ċari u linji gwida espliċiti għar-reklutaġġ u għall-ħatra tar-riċerkaturi postdottorali (R2), inkluż it-tul massimu tal-perjodu u l-oġettivi ta' dawn il-ħatriet, mill-istituzzjonijiet li jaħtru r-riċerkaturi postdottorali. Dawk il-linji gwida għandhom jikkunsidraw iż-żmien li wieħed ikun qatta' fil-ħatriet postdottorali f'istituzzjonijiet oħra u jqisu li l-istatus postdottorali għandu jkun tranżizzjonali, bl-iskop primarju li jipprovdi opportunitajiet addizzjonali ta' żvilupp professjonali għal karriera fir-riċerka fil-kuntest ta' prospetti ta' karriera fit-tul b'kuntratt fiss jew garanzija ta' żamma fil-pożizzjoni.

(3) Obbligi kuntrattwali u legali

Ir-riċerkaturi fil-livelli kollha jridu jkunu midħla tar-regolamenti nazzjonali, settorjali jew istituzzjonali li jirregolaw it-taħriġ u/jew il-kundizzjonijiet tax-xogħol. Dan jinkludi r-regolamenti dwar id-drittijiet tal-proprietà intellettuali, u r-rekwiżiti u l-kundizzjonijiet tal-isponsors jew tal-finanzjaturi, indipendentement min-natura tal-kuntratt tagħhom. L-impjegatur u l-finanzjaturi għandhom jagħtu kopji ta' dawn id-dokumenti bl-Ingliż. Ir-

¹⁴ F'dan il-kuntest, ara wkoll id-Direttiva tal-UE 2002/14/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-11 ta' Marzu 2002 li tistabbilixxi qafas ġenerali dwar l-informazzjoni u l-konsultazzjoni tal-impjegati fil-Komunità Ewropea - Dikjarazzjoni konġunta tal-Parlament Ewropew, il-Kunsill u l-Kummissjoni dwar ir-rappreżentanza tal-impjegati (ĠU L 80, 23.3.2002, p. 29).

riċerkaturi għandhom jimxu ma' daww ir-regolamenti billi jagħtu r-riżultati meħtieġa (eż. teoriji, pubblikazzjonijiet, privattivi, rapporti, żvilupp ta' prodotti ġodda, eċċ.) kif stabbilit fit-termini u l-kundizzjonijiet tal-kuntratt jew dokument ekwivalenti.

Ir-riċerkaturi għandhom dejjem jadottaw prattiki ta' ħidma sikuri, skont il-leġislazzjoni nazzjonali u tal-Unjoni rilevanti, inkluż billi jieħdu l-prekawzzjonijiet meħtieġa għas-saħħa u s-sikurezza u għall-irkupru mill-attakki taċ-ċibersigurtà, diżastri fit-teknoloġija tal-informazzjoni, eż. billi jippreparaw strateġiji xierqa għal back-up. Għandhom ikunu midħla wkoll tar-rekwiżiti legali nazzjonali u tal-Unjoni attwali dwar il-protezzjoni tad-*data* u l-protezzjoni tal-kunfidenzjalità u jieħdu l-passi meħtieġa biex jissodisfawhom dejjem.

(4) *Disseminazzjoni u użu tar-riżultati*

Ix-Xjenza Miftuħa għandha tiġi pprattikata mir-riċerkaturi kollha biex ikun żgurat li, f'konformità mal-arranġamenti kuntrattwali tagħhom, jiġu disseminati r-riżultati tar-riċerka tagħhom, li jsiru disponibbli b'mod miftuħ u użati, eż. jiġu komunikati, trasferiti f'ambjenti oħra tar-riċerka u, jekk xieraq, kummerċjalizzati. Ir-riċerkaturi superjuri mistennija jieħdu rwol ewlieni biex tkun żgurata riċerka li tagħti l-frott u li r-riżultati jintużaw kummerċjalment jew isiru aċċessibbli għall-pubbliku (jew it-tnejn) kull meta tinholq l-opportunità.

Ir-riċerkaturi għandhom jingħataw palata f'dan ir-rigward mill-impjegaturi u l-finanzjaturi tagħhom bit-taħriġ rilevanti fil-ħiliet u b'aċċess għal finanzjament, infrastruttura u appoġġ xierqa. L-involvement tar-riċerkaturi fix-Xjenza Miftuħa għandu jiġi rikonoxxut, iċċentivat u valorizzat mill-impjegaturi u mill-finanzjaturi waqt ir-reklutaġġ, il-progressjoni fil-karriera u l-valutazzjoni tal-programmi tal-finanzjament.

Assi intellettuali, inkluż id-drittijiet tal-proprjetà intellettuali

L-impjegaturi u/jew il-finanzjaturi għandhom jiżguraw li r-riċerkaturi fl-istadji kollha tal-karriera jiġu kumpensati kif xieraq għall-benefiċċji miksuba bl-użu (jekk ikun hemm) tal-attivitajiet tar-riċerka u l-innovazzjoni tagħhom, meta xieraq billi tkun żgurata sjieda konġunta tad-drittijiet tal-proprjetà intellettuali bħad-drittijiet tal-awtur. L-impjegaturi u jew il-finanzjaturi għandhom jindirizzaw dan b'mod espliċitu fl-istrateġija tagħhom għall-ġestjoni tal-assi intellettuali u għandhom jagħmlu l-istrateġija disponibbli għall-pubbliku. L-istrateġija tal-ġestjoni tal-assi intellettuali għandha tkopri l-ħolqien, il-ġestjoni, is-sjieda u l-użu tat-tipi kollha tal-assi intellettuali (inkluż id-*data*, l-għarfien espert, l-istandards), u tappoġġa x-Xjenza Miftuħa.

L-istrateġija għandha tirreferi b'mod espliċitu għad-dispożizzjonijiet dwar is-sjieda u d-drittijiet tal-aċċess għar-riċerkaturi u/jew, meta applikabbli, għall-impjegaturi tagħhom jew partijiet oħra, inkluż sħab tal-industrija, kif imnejn ikun previst fi ftehimiet speċifiċi għal kollaborazzjoni jew f'tipi oħra ta' ftehimiet¹⁵.

Involvement tal-pubbliku

Ir-riċerkaturi għandhom jiżguraw li s-soċjetà inġenerali tiġi mgħarrfa bl-attivitajiet tar-riċerka tagħhom, u b'mod li tkun tista' tinftiehem mill-pubbliku li ma jkunx speċjalista fil-qasam, ħalli jiżdied l-għarfien tal-pubbliku fix-xjenza. Il-kuntatt dirett mas-soċjetà ċivili u maċ-ċittadini jgħin lir-riċerkaturi jifhmu aħjar l-interess pubbliku fil-prijoritajiet tar-riċerka u t-tħassib tal-pubbliku, u jaħtfu l-potenzjal ta' disinn u kreazzjoni konġunti mas-soċjetà meta rilevanti.

¹⁵ Aktar rakkomandazzjonijiet jinsabu fir-Rakkomandazzjoni tal-Kummissjoni dwar Kodiċi ta' Prattika għall-Ġestjoni tal-Assi Intellettuali, <https://eur-lex.europa.eu/legal-content/MT/ALL/?uri=CELEX%3A32008H0416>.

PILASTRU 4 – KARRIERI FIR-RIĊERKA U ŻVILUPP TAT-TALENT

1. VALUR LIL KARRIERI DIVERSI FIR-RIĊERKA
2. ŻVILUPP TAL-KARRIERA U PARIRI
3. ŻVILUPP PROFESSJONALI KONTINWU
4. SUPERVIŻJONI U MENTORAĠĠ

Il-komunità tar-riċerka hi diversi fejn jidħlu t-talenti, il-ħiliet, il-kompetenzi, il-kapaċitajiet u r-rwoli. Aktar ma dawn it-talenti jitrawmu u jiġu żviluppati, aktar titjieb il-kwalità tar-riċerka u aktar tiżdied ir-rilevanza tal-ġharfien maħluq għas-soċjetà. L-inkoraġġiment tal-iżvilupp professjonali kontinwu flimkien mat-taħriġ fil-ħiliet hu meħtieġ biex tinżamm il-kompetenza u r-riċerkaturi jingħataw firxa wiesgħa ta' opportunitajiet ta' karrieri fis-setturi pubbliċi u privati.

(1) *Valur lill-karrieri diversi fir-riċerka*

L-impjegaturi u/jew il-finanzjaturi għandhom jagħrfu li r-riċerkaturi jista' jkollhom karrieri diversi ħafna kemm fir-riċerka u anki f'funzjonijiet oħra. Id-diversifikazzjoni tipikament tinkludi l-mobbiltà fil-forom kollha tagħha: il-mobbiltà interreġjonali/intranazzjonali, intersettorjali, interistituzzjonali, interdixxiplinari u transdixxiplinari u virtwali. Dan jeħtieġ valutazzjoni tal-kwalità abbażi tat-talent u sensittiva għad-diversità, it-trawwim tal-użu responsabbli tal-metrika, il-kunsiderazzjoni ta' kontributi differenti u l-impatti potenzjali tagħhom, attivitajiet u prattiki differenti bħat-tagħlim lill-istudenti u l-ħiliet, rieżami bejn il-pari, il-ġestjoni u t-tmexxija tar-riċerka, is-superviżjoni, il-mentoraġġ, il-valorizzazzjoni tal-ġharfien, l-intraprenditorija u l-kollaborazzjoni mal-industrija, is-servizzi lis-soċjetà, il-komunikazzjoni tax-xjenza u l-interazzjoni mas-soċjetà, ir-rigorożità metodoloġika u l-prattiki tax-Xjenza Miftuħa, ix-xjenza tat-tim, fost l-oħrajn kif ukoll il-mobbiltà.

L-impjegaturi u/jew il-finanzjaturi għandhom jistabbilixxu miżuri biex ir-riċerkaturi, b'mod partikolari dawk li jkunu għandhom fil-bidu tal-karriera, ikunu jafu bl-opportunitajiet disponibbli fis-setturi rilevanti kollha u biex jippromwovu kultura ta' diversifikazzjoni tal-karrieri għal żvilupp personali u professjonali aħjar. Dan ikun jeħtieġ servizzi ta' konsulenza u ta' appoġġ għall-karrieri biex titħeġġeġ il-mobbiltà intersettorjali, interdixxiplinari u ġeografika, u biex jinħolqu u jiġu żviluppati attivitajiet intraprenditorjali.

(2) *Żvilupp tal-karriera u pariri*

Preferibbilment fil-qafas tal-ġestjoni tar-riżorsi umani tagħhom, l-impjegaturi u/jew il-finanzjaturi tar-riċerkaturi għandhom ifasslu strateġija speċifika għall-iżvilupp tal-karrieri tar-riċerkaturi tul l-istadji kollha tal-karriera tagħhom, irrISPettivament mis-sitwazzjoni kuntrattwali tagħhom, inkluż għar-riċerkaturi b'kuntratti ta' terminu fiss. F'dan il-kuntest, ir-riċerkaturi għandhom jingħataw l-appoġġ biex jiżviluppaw pjan individwali tal-karriera ħalli jidentifikaw it-taħriġ u r-riċerka meħtieġa biex jilhqqu l-għanijiet tal-karriera tagħhom. Dan għandu jinkludi d-disponibbiltà ta' mentors involuti fl-ġħoti ta' appoġġ u gwida għall-iżvilupp personali u professjonali tar-riċerkaturi, u b'hekk jimmotivahom u jgħin hom inaqqsu l-insigurtajiet fil-futur professjonali tagħhom. Ir-riċerkaturi kollha għandhom isiru midħla ta' dawn id-dispożizzjonijiet u l-arranġamenti, u jkunu proattivi u responsabbli għall-iżvilupp tal-karriera tagħhom.

Fl-istituzzjonijiet ikkonċernati jew b'kollaborazzjoni ma' strutturi oħra, l-impjegaturi u/jew il-finanzjaturi għandhom jiżguraw gwida aċċessibbli u aġġornata għall-karrieri u assistenza għal kollokamenti fl-impjieg, filwaqt li jagħtu informazzjoni, gwida u appoġġ għall-iżvilupp tal-karrieri kemm fl-istituzzjoni kkonċernata u anki lil hinn minnha. Dan għandu jiġi offrut lir-riċerkaturi fl-istadji kollha tal-karriera tagħhom, irrispettivament mis-sitwazzjoni kuntrattwali tagħhom

(3) *Żvilupp professjonali kontinwu*

Ir-riċerkaturi fl-istadji kollha tal-karriera għandhom jieħdu l-inizjattiva b'mod proattiv u jingħataw l-opportunitajiet mill-impjegatur/mill-finanzjatur biex itejbu lilhom infushom kontinwament billi jaġġornaw u jwessgħu l-ħiliet u l-kompetenzi tagħhom b'mod regolari. Dan jista' jinkiseb b'diversi mezzi, fosthom, iżda mhux biss, b'taħriġ formali, sessjonijiet ta' ħidma, konferenzi u tagħlim elettroniku jew b'kollaborazzjoni f'timijiet u n-networks rispettivi. Għandha tingħata attenzjoni partikolari lit-taħriġ tar-Riċerkaturi tal-Ewwel Stadju (R1), li l-maġġoranza tagħhom ikunu kandidati tad-dottorati, fil-bidu tal-karriera fir-riċerka tagħhom¹⁶.

Aċċess għal taħriġ fir-riċerka u żvilupp kontinwu

L-impjegaturi u/jew il-finanzjaturi għandhom jiżguraw li r-riċerkaturi kollha f'kull stadju tal-karriera tagħhom, irrispettivament mis-sitwazzjoni kuntrattwali tagħhom, jingħataw l-opportunità ta' żvilupp professjonali u li jtejjbu l-impjegabbiltà tagħhom b'aċċess għal miżuri tal-iżvilupp kontinwu tal-ħiliet u tal-kompetenzi. L-impjegaturi u l-finanzjaturi għandhom jieħdu azzjoni biex jappoġġaw l-iżvilupp u l-għoti ta' taħriġ immirat, inkluż fil-forma ta' mikrokredenzjali, biex jiżguraw opportunitajiet ta' titjib fil-ħiliet u ta' taħriġ mill-ġdid lir-riċerkaturi b'perspettiva ta' tagħlim tul il-ħajja u jħeġġu l-mobbiltà intersettorjali u interdixxiplinari. Dawk il-miżuri għandhom jiġu vvalutati b'mod regolari għall-aċċessibbiltà, l-użu u l-effettività tagħhom fit-titjib tal-kompetenzi, tal-ħiliet u tal-impjegabbiltà.

L-impjegaturi u l-finanzjaturi għandhom jagħtu rilevanza xierqa lill-ħtieġa li jitrawmu kompetenzi intraprenditorjali fir-riċerkaturi, ħalli dawk li jwettqu perkors tal-karriera intraprenditorjali jkunu jistgħu jżewġu l-kapaċitajiet tal-ġenerazzjoni tal-għarfien tagħhom mal-profiċjenza fil-valorizzazzjoni tal-għarfien, u jsarrfu l-ideat innovattivi f'negozju u jrawmu l-innovazzjoni u l-progress.

L-impjegaturi u l-finanzjaturi għandhom jieħdu passi biex jiżguraw li t-taħriġ tad-dottorat ikun adattat għal karrieri interoperabbli fis-setturi rilevanti kollha u għall-prattika tax-Xjenza Miftuħa, inkluż billi jintuża l-Qafas Ewropew tal-Kompetenza għar-Riċerkaturi (ReserchComp) u tinħataf kull inizjattiva futura oħra li tiegħu l-Kummissjoni bl-iskop li jissaħħu l-ħiliet trażversali tar-riċerkaturi.

Validazzjoni tal-ħiliet

Bħala parti mit-twessigħ tas-settijiet tal-ħiliet tar-riċerkaturi, l-impjegaturi u/jew il-finanzjaturi għandhom jipprevedu l-valutazzjoni u l-evalwazzjoni xierqa tat-taħriġ formali u informali, inkluż tal-ħiliet u t-taħriġ fuq il-post tax-xogħol, b'mod partikolari fil-kuntest tal-mobbiltà internazzjonali u professjonali. Il-valutazzjoni għandha ssir bi kriterji armonizzati, b'mod ġust u trasparenti, u f'perjodu taż-żmien raġonevoli.

¹⁶ Pereżempju ara l-Prinċipji tat-taħriġ għal dottorati innovattivi (2011) https://euraxess.ec.europa.eu/sites/default/files/policy_library/principles_for_innovative_doctoral_training.pdf, il-Prinċipji ta' Salzburg (2016) https://www.eua-cde.org/downloads/publications/2016_euacde_doctoral-salzburg-implementation-new-challenges.pdf, il-Prinċipji ta' Hannover (2022) https://www.uclpress.co.uk/products/176626?_pos=1&_sid=d5bf44607&_ss=r.

Tagħlim lill-istudenti

It-tagħlim lill-istudenti hu mezz essenzjali għall-istrutturar u d-disseminazzjoni tal-għarfien u hu għażla utli tul il-perkors tal-karriera ta' riċerkatur. It-tagħlim lill-istudenti għandu juża u jibbenefika mill-għarfien xjentifiku u jippromwovi l-interess fir-riċerka fost l-istudenti. L-involvement tar-riċerkaturi fit-tagħlim lill-istudenti għandu jkun appoġġat u rikonossut bis-sħiħ, u jista' jvarja f'mument differenti tul il-karriera. Għandha tingħata attenzjoni speċjali lir-riċerkaturi fil-bidu tal-karrieri tagħhom, filwaqt li jkun żgurat li dawn ikunu appoġġati kif xieraq u li r-responsabbiltajiet tat-tagħlim lill-istudenti (inkluż il-konferenzi, it-tutoraġġ, is-superviżjoni u l-mentoraġġ) ikunu kompatibbli mal-attivitajiet tar-riċerka jew t-taħriġ tar-riċerka tagħhom.

L-impjegaturi u/jew il-finanzjaturi għandhom jiżguraw li d-dmirijiet tat-tagħlim lill-istudenti jiġu remunerati u kkunsidrati kif xieraq fis-sistemi tal-evalwazzjoni/valutazzjoni minn stadju bikri tal-karrieri tar-riċerkaturi. Għandu jkun żgurat ukoll li ż-żmien dedikat mill-membri superjuri tal-persunal għat-taħriġ u l-mentoraġġ tar-riċerkaturi tal-Ewwel u tat-Tieni Stadju (R1, R2) jingħadd bħala parti mill-impenn tat-tagħlim tagħhom lill-istudenti. Għandu jingħata taħriġ xieraq dwar l-attivitajiet tal-għoti tat-tagħlim u t-taħriġ lill-istudenti bħala parti mit-taħriġ inizjali u mill-iżvilupp professjonali tar-riċerkaturi.

(4) *Superviżjoni u mentoraġġ*

Il-persuni xierqa u l-ġestjoni tat-timijiet huma kruċjali fl-ambjenti tax-xogħol tar-riċerka għax mid-definizzjoni, ix-xjenza hi sforz konġunt. Għandhom jiġu stabbiliti l-mekkaniżmi tat-taħriġ, l-għodod u l-evalwazzjoni meħtieġa biex ikun żgurat li r-riċerkaturi superjuri u ewlenin ikunu kapaċi jmxexx lill-persunal u t-timijiet tagħhom b'mod ġust u nondiskriminatorju, mingħajr preġudizzju tal-ġeneru jew xi tip ieħor ta' preġudizzju, u jkunu kapaċi jibnu relazzjonijiet ta' ħidma produttiva u kooperattiva mal-pari tagħhom. Dan għandu jikkontribwixxi għal ambjenti sani, ġusti u kreattivi li jsaħħu r-rispett lejn kull individwu, jimmotivawh kif xieraq, jagħtu ir-rikonossiment, u jħeġġu l-benesseri ġenerali tiegħu.

L-impjegaturi u/jew il-finanzjaturi għandhom jiżguraw li jiġu identifikati b'mod ċar il-persuna jew il-grupp ta' persuni li r-riċerkaturi tal-Ewwel Stadju (R1) u Rikonossuti (R2) jistgħu jirreferu għalihom meta jkunu qed jaqdu d-dmirijiet professjonali tagħhom u għandhom jinfurmaw lir-riċerkaturi kif xieraq.

Dawk l-arranġamenti għandhom jiddefinixxu b'mod ċar li s-superviżuri proposti għandhom livell adegwat ta' għarfien espert fis-superviżjoni tar-riċerka u għandhom il-ħin u kommessi li jkunu jistgħu joffru l-appoġġ xieraq lill-istudenti tar-riċerka, filwaqt li jkunu jaħsbu wkoll fil-proċeduri meħtieġa għall-progress u r-rieżami, u fil-mekkaniżmi tar-rispons.

Dispożizzjonijiet speċifiċi għall-integrazzjoni, l-appoġġ għar-riċerka u l-iżvilupp tal-karriera tar-riċerkaturi, għall-mentoraġġ u l-benesseri tagħhom, għall-komunikazzjoni u r-risoluzzjoni tal-konflitti, u għat-taħriġ u l-iżvilupp professjonali tas-superviżuri jistgħu jinstabu fil-Linji Gwida dwar l-Azzjonijiet Marie Skłodowska-Curie (MSCA) għas-Superviżjoni¹⁷. Il-Linji Gwida tal-MSCA dwar is-Superviżjoni huma sett ta' rakkomandazzjonijiet għall-individwi u l-istituzzjonijiet li jirċievu finanzjament mill-MSCA. Il-Linji Gwida jippromwovu superviżjoni effettiva, mentoraġġ u gwida xierqa għall-karrieri.

Relazzjoni mas-superviżuri

Ir-riċerkaturi li jkunu fil-fażi tat-taħriġ tagħhom għandu jkollhom relazzjoni strutturata u regolari mas-superviżuri u r-rappreżentanti tal-fakultà/dipartiment tagħhom u jkunu jistgħu jisfruttaw għalkollox ir-relazzjoni tagħhom magħhom. Is-superviżuri għandhom jappoġġaw

¹⁷ <https://marie-sklodowska-curie-actions.ec.europa.eu/about-msca/msca-guidelines-on-supervision>.

ukoll b'mod attiv lir-riċerkaturi speċjalment waqt l-istadju bikri billi jorganizzaw laqgħat ta' rispons magħhom u jippromwovu attivitajiet tat-taħriġ li jkun rilevanti għal ħidmithom.

Dan jinkludi li jinżammu rekords dwar il-progress tax-xogħol u s-sejbiet tar-riċerka kollha, li jinkiseb rispons permezz ta' rapporti u seminars, li dak ir-rispons jiġi applikat, u li l-ħidma ssir skont skedi, tappi, riżultati parzjali u eżiti tar-riċerka miftiehma.

Riċerkaturi superjuri

Ir-riċerkaturi superjuri (R3 u R4) għandhom jagħtu attenzjoni partikolari lir-rwol multidimensjonali tagħhom bħala superviżuri, mentors, konsulenti tal-karrieri, mexxejja, koordinaturi tal-proġetti, meniġers jew komunikaturi tax-xjenza. Għandhom iwettqu dawn il-kompiti skont l-aqwa standards professjonali u jkollhom aċċess għat-taħriġ xieraq. Rigward ir-rwol tagħhom bħala superviżuri jew mentors tar-riċerkaturi, ir-riċerkaturi superjuri għandhom jibnu relazzjoni kostruttiva u pożittiva mar-riċerkaturi tal-Ewwel Stadju (R1) u Rikonoxxuti (R2) biex jgħidqu l-kundizzjonijiet għat-trasferiment effiċjenti tal-għarfien u aktar żvilupp b'suċċess tal-karrieri tagħhom. Dan hu rwol ta' responsabbiltà kbira li jappoġġa l-iżvilupp tal-karriera tar-riċerkaturi R1 u R2 li jikkomunikaw l-esperjenza u l-valuri f'ambjent fdat u kunfidenzjali.